MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2010

Numru 989/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jesmond Micallef]**

**vs**

**Costantino Felice**

**Illum, 26 ta' Settembru 2010**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Costantino Felice, bin Emanuel u Mary Anne nee' Bugeja, imwieled Pieta fit-13 ta' April, 1986 u residenti fil-fond Block 2 Flat 13, Triq id-Deheb Fin, Qormi u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 257586M.

Akkuzat talli nhar is-26 ta' Settembru, 2010 ghal-habta tat-tlieta u nofs ta' filghodu, gewwa dawn il-gzejjer u cioe fi Triq Regjonali Msida

1. Ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza jew li jinfluwixxi fuqu kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
2. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, u cioe' ufficcjali tal-Pulizija, filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;
3. Ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 1241 Christopher Farrugia, u dan skond kif iccertifikat minn Dr.M.Schembri M.D (Med.Reg.No 1460) mic-Centru tas-Sahha tal-Furjana;
4. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihx jew fixxklu waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu;
5. Kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku;
6. Qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti.
7. U finalment akkuzat talli sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza mill-qorti ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula jew imhassra.

Rat l-artikoli 49, 50, 95, 96, 221, 222, 338(bb)(dd)(ee) u tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, u min-naha l-ohra l-eventwali koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-imputat qieghed isegwi programm residenzjali kontra l-vizzju tad-drogi.

Illi jekk l-Qorti timponi piena karcerarja kif talab l-ufficjal prosekutur l-Qorti tkun qed timpedixxi lill-imputat milli jkompli l-programm li diga beda. Huwa minnu li f'kazijiet ta' vjolenza, partikolarment kontra ufficjali inkarigati miz-zamma ta'l-ordni pubbliku, l-aktar sentenza indikata hija dik ta' habs effettiv, pero fil-kaz in ezami l-Qorti hija disposta taghti l-ahhar opportunita lill-imputat li jkompli l-programm li diga beda b'l-ghan li huwa verament jirriabilita ruhu. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li l-imputat ghandu jinghata probation ghall-perjodu massimu permess mill-Ligi bil-kundizzjoni li mhux biss ikompli sa tmienu l-programm li diga beda imma li ghall-perjodu kollu tal-probation jissottometti ruhu ghal dawk it-testijiet li jigu indikati lilu biex jigi stabbilit li huwa mhux qed jiehu sostanzi illecieti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 95, 96, 221, 222, 338(bb)(dd)(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta'probation ghal perjodu ta' tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati fid-degriet mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin.

Il-Qorti tordan notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-Ufficju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------